# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, 9 ta' Awissu 2001**

**Citaz.  numru:  1837/97 M5 NA**

**Antonia sive Nanette Brimmer**

**vs**

**Antoine Brimmer**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors tal-konvenut tal-4 ta' Novembru 1999 fejn jitlob, ghar-ragunijiet hemm moghtija, biex il-Qorti tirrevedi digriet moghti minnha, diversament presjeduta, fil-25 ta' Marzu 1999 fejn huwa gie kkundannat ihallas retta alimentari lill-attrici ghall-minuri tal-kontendenti fl-ammont ta' Lm90 fix-xahar u dan billi dan l-ammont jigi ridott.

Ghal dan ir-rikors saret ir-risposta ta' l-attrici fl-10 ta' Jannar 2000 fejn titlob, ukoll ghar-ragunijiet hemm moghtija, illi t-talba

tal-konvenut tigi michuda u, ghall-kuntrarju, ssostni li huwa l-kaz li l-manteniment jizdied u mhux jitnaqqas.

Ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghat-22 ta' Marzu 2000 fejn xehed ir-rikorrent u missieru Joseph Brimmer. Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2000 ma dehrix id-difensur tar-rikorrenti u, allura, ma sar xejn filwaqt illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2000 wara li rega' xehed ir-rikorrenti, id-difensuri rispettivi ddikjaraw li, salv ghall-prezentata w ezami ta' xi dokumenti, huma ma kellhomx aktar provi w ir-rikors gie differit ghall-finali trattazzjoni ghas-seduta tat-18 ta' Jannar 2001. F'din is-seduta, invece, flok saret il-finali trattazzjoni xehdet l-attrici/intimata u kien gie wkoll ingunt bhala xhud Gaetano Abela mis-socjeta' li timpjega lill-konvenut. Dan ma deherx u kien ghalhekk li r-rikors rega' gie differit ghas-seduta tat-30 ta' April 2001 fejn xehed l-istess Gaetano Abela u fejn gie ddikjarat

"*Il-partijiet qablu illi d-digriet tal-Qorti f'dawn il-proceduri m'ghandux ikun limitat biss ghat-talbiet tal-konvenut izda ghandu jistipula precizament x'ghandhom ikunu l-alimenti "pendente lite". Il-partijiet qablu wkoll illi dan id-digriet tal-Qorti kellu jservi biex huma jisseparaw konsenswalment*

*peress illi fuq il-parti l-ohra in kontestazzjoni fuq din il-kawza huma kienu waslu ghal ftehim bonarju".*

Apparti mix-xhieda li inghatat li, in kwantu ghall-istess partijiet, kienet pjuttost estensiva gew ezebiti bhala prova diversi dokumenti li, apparti mid-digriet fuq citat ta' din il-Qorti diversament presjeduta, jikkonsistu principalment fi prospetti maghmulha mill-partijiet fir-rigward ta' l-infiq mensili taghhom sew in kwantu ghall-minuri sew in kwantu ghall-bzonnijiet personali u f'dokumenti ohra li gew esebiti mill-konvenut b'nota tat-18 ta' Jannar 2001 li huwa in sostenn ta' dak minnu allegat f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat:-

Illi l-introjtu tal-partijiet huwa bejn wiehed u iehor ugwali almenu fil-prezent minkejja illi l-impieg ta' l-attrici huwa *part-time*. Il-konvenut, invece huwa impjegat bhala skrivan mal-Quality Meat Products fejn hlief ghall-paga ma ghandux introjtu iehor hlief li recentement il-kumpanija taghtu karozza li juza, apparti milli ghax-xoghol, ghall-uzu personali tieghu. Hafna mill-ispejjes li jallegaw li ghandhom il-partijiet ukoll jidhru genwini anke fejn ma humiex sostanzjati

b'dokumentazzjoni u, di piu', ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni qawwija dwarhom.  Mhux hekk invece dwar l-infiq li qed isir fir-rigward tal-bzonnijiet ta' kuljum tal-minuri bhall-ikel, il-hwejjeg u spejjes ohra.  Hawnhekk ix-xhieda moghtija mill-partijiet hija kwazi totalment konfliggenti.

Kunsidrat dan kollu l-Qorti sabet ftit diffikulta' biex taghti dan il-provvediment ghax, minkejja s-semplicita' tieghu, ma hemmx punti ta' dritt u ta' fatt li jistghu jwassluha biex tvarja dak deciz minnha, diversament presjeduta, tenut kont ukoll tal-fatt illi tifhem illi l-bzonnijiet totali tal-minuri mhux difficli li jilhqu l-Lm180 fix-xahar li, konsiderat id-dhul tal-partijiet, ghandhom jinqasmu b'mod indaqs.  Ammont ghalhekk ta' Lm90 fix-xahar jidher fic-cirkostanzi kollha bhala wiehed ragonevoli.  Dan l-ammont huwa ghalhekk ikkonfermat u, salv xi tibdil eccezzjonali fil-bzonnijiet tal-minuri jew tad-dhul tal-partijiet, ghandu jibqa' ivvarjat sakemm il-minuri jsir maggorenni.  It-talbiet ghalhekk ghat-tnaqqis jew ghaz-zieda f'dan l-ammont huma michuda hlief li l-konvenut huwa obbligat ihallas ukoll is-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) fis-sena, nofs l-ispejjez edukattivi tal-minuri bil-quddiem kull l-1 ta' Ottubru ta' kull sena, b'dan illi

sussegwentement l-attrici ghandha tkun responsabbli ghall-hlasijiet kollha in konnessjoni ma' l-istess spejjes edukattivi.

L-ispejjes ta' dawn il-proceduri jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.